MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1731/2004

**Emanuel Micallef esercenti l-kummerc taht l-isem ta' MSN Garage**

**Vs**

**Marisa Muscat**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm450 (erba` mijia u hamsin lira Maltin) dovuti ghal kiri ta' karozza mhallsa b'check li baqa ma ssarrafx.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-18 ta’ Settembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-25 ta’ Ottubru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------